MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1014/2006

**Maltacom Plc**
**(C22334)**

**Vs**

**Joseph Desira (ID 279577M)**
**u**
**Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta` Novembru, 2006 fejn intalab li l-konvenuti solidalment bejniethom ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` elf, tliet mija u sebgha u erbghin lira u erbghin centezmu (Lm1374.40) rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici gewwa Triq Santa Tereza Bormla, f'Ottubru tas-sena 2003 kif jirrizulta minn fattura datata 20 ta` Novembru, 2003. Dok D.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mill-20 ta` Novembru, 2003 kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Desira datata 19 ta` Dicembru, 2006 fejn (1) qabel xejn eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16; (2) fit-tieni lok li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur stante li ma kellux jigi mharrek f'ismu personali u (3) in generali ma hux responsabbli ghall-allegata hsara.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` Maltacom Plc datata 28 ta` Dicembru, 2006 bis-sahha ta` liema sostniet li (1) fl-ewwel lok ma hiex il-legittimu kontradittur (2) hija ma kkagunat ebda danni kif gia` jirrizulta car mir-rapport tal-pulizija Dok C u (3) is-socjeta` attrici ma ndikatx bi precizjoni d-data ta` meta giet kawzata l-allegata hsara. B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Innota li l-kawza thalliet ghal provi tal-partijiet fuq l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Desira ghas-seduta tat-2 ta` Mejju, 2007.

Innota li fis-seduta tat-2 ta` Mejju, 2007, is-socjeta` attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghajr dawk dokumentarji gia` esebiti.

Innota li l-konvenut Desira naqas li jressaq provi ohra fuq din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Desira.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tas-socjeta` attrici li rrimetta ruhu ghad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-allegata hsara grat f'Ottubru tas-sena 2003 u mir-rapport tal-pulizija esebit bhala Dok C jirrizulta li l-incident seta` sehh fis-27 ta` Ottubru, 2003 jew f'data precedenti ghaliha. Illi l-ittra ufficcjali pprezentata kontra l-konvenut Desira ghalkemm prezentata fl-24 ta` Ottubru, 2005 (Dok B) jidher li din giet notifikata lill-istess konvenut fis-26 ta` Gunju, 2006 skond il-kopja ta` timbru li bilkemm jidher fuq it-tieni faccata tal-ittra ufficcjali Dok B. Illi ghalhekk jirrizulta certament li ma kienet sehhet ebda interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv peress illi li l-konvenut ma giex notifikat biha fi zmien mhux aktar tard minn xahar mill-gheluq tal-perjodu preskrittiv. Illi din il-kawza giet intavolata fil-15 ta` Novembru, 2006 u notifikata lill-konvenut Desira fit-23 ta` Novembru, 2006.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jakkolji l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Desira, kwindi jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta sa fejn tirrigwarda l-konvenut Desira u konsegwentement tirrespingi t-talba attrici fil-konfront ta` l-istess konvenut Joseph Desira bl-ispejjes ta` din id-decizjoni a karigu ta` l-istess socjeta` attrici u tordna l-prosegwiment tal-kaz kontra s-socjeta` konvenuta Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------